**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 11 ta' Lulju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 150 / 14RGM

Kawza fil-lista: 23

**C T**
**vs**
**W R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Peress illi minn relazzjoni barra zwieg bejn il-partijiet twieldu tewmin bl-isem S R u V R fis-17 ta' Frar 2003, liema tewmin illum ghandhom hdax (11) il-sena;

2. Peress illi l-partijiet ma jghixux flimkien;

3. Peress illi l-kustodja fattwali attwali tat-tfal minuri hija bhalissa maqsuma wgwatment bejn il-partijiet b'mod lit-tfal jirrisjedu granet indaqs ma kull parti fuq firxa ta' kull gimghatejn;

4. Peress illi l-manteniment bhalissa pagabbli mill-konvenut gie stabbilit biss pendente lite u l-konvenut qed jikkontesta tali manteniment;

5. Peress illi pero tenut kont tal-mezzi tal-partijiet u l-bzonnijiet tat-tfal minuri jehtieg li l-manteniment li bhalissa jhallas il-konvenut jigi awmentat;

6. Peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' digriet moghti fit-12 ta' Mejju 2014.

Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiffissa manteniment xieraq li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghall-imsemmija tfal minuri bil-modalitajiet ta' gurnata lok u hin li jigu wkoll iffissati.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici il-manteniment hekk iffissat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti jimmeritaw illi jigu respinti fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-attrici, billi, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponent lill-attrici, bhala manteniment ghall-bzonnijiet tal-ulied minuri tal-kontedenti, u dan, fost ohrajn, ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Kif jirrizulta car minn qari tar-rikors guramentat promutorju tal-attrici, t-tfal minuri tal-kontendenti ta' hdax-il sena, S u V, ghandhom ir-residenza taghhom maz-zewg kontendenti, ossija jghixu gimgha ma' parti u gimgha mal-parti l-ohra. Dan l-arrangament gie sahansitra rakkomandat mill-Psikologa Carmen Sammut fl-atti tal-medjazzjoni, u l-attrici stess tammetti, fir-rikors guramentat promutorju taghha, illi f'dan l-istadju ghandha taccetta l-arrangamenti attwali li bihom il-kustodja fattwali tat-tfal minuri tibqa' maqsuma ndaqs bejn il-partijiet", tant illi l-istess attrici illimitat l-istess rikors guramentat promotorju taghha ghall-kwistjoni dwar il-manteniment tal-ulied, u b'hekk ma talbitx provvedimenti dwar il-kura, l-kustodja, u l-access tal-istess ulied;

Is-suespost ifisser, kjarament, illi l-kontendenti gja' jikkontribwixxu, ugwalment, ghall-bzonnijiet ta' uliedhom minuri waqt dawk il-hinijiet u l-granet li l-istess minuri jkunu fil-kura taghhom, liema kura, kif gja' inghad, hija ezercitata ugwalment bejniethom;

Is-suespost ifisser ukoll, ghalhekk, illi l-ebda parti f'dawn il-proceduri ma qieghdha tinkorri aktar spejjez, ghall-bzonnijiet tal-minuri, mill-parti l-ohra, u dan billi kull parti qieghdha tiehu hsieb l-istess bzonnijiet waqt dawk il-hinijiet, u matul dawk il-granet, li l-minuri jkunu fil-kura taghha, inkluz ikel, ilbies, hrug, u spejjez ohra;

Ghalhekk biss, l-esponent jemmen li ma hemm l-ebda ammont ta' manteniment li ghandu jigi likwidat, u li ghandu jkun pagabbli, minn xi parti favur parti ohra f'din l-istanza.

(ii) Kull manteniment likwidat ghandu jigi hekk likwidat tenut kont tal-mezzi tal-partijiet u tal-bzonnijiet tat-tfal minuri, u dan f'cirkostanzi fejn, fil-kaz odjern, l-kontendenti jahdmu t-tnejn u ghandhom l-introjtu rispettiv taghhom;

F'dan ir-rigward, l-esponent umilment jirrileva illi ma tezisti l-ebda divergenza partikolari fl-introjtu rispettiv tal-kontendenti li tista' timmerita li parti tigi kkundannata thallas manteniment lill-parti l-ohra ghall-bzonnijiet tal-minuri;

Minn naha l-ohra, l-bzonnijiet tal-minuri ma jvarjawx minn gurnata ghall-ohra, ossija skond ma' min mill-kontendenti jkunu qieghdin jirrisjedu l-istess minuri f'dak il-mument, u ghalhekk, anke f'dan ir-rigward, ma tezisti l-ebda divergenza partikolari fl-istess bzonnijiet li tista'timmerita li parti tigi kkundannata thallas manteniment lill-parti l-ohra sabiex jigu koperti l-bzonnijiet tal-istess minuri waqt dawk il-granet u l-hinijiet li l-minuri jkunu taht il-kura tal-istess parti;

Ghalhekk ukoll, l-esponent jemmen umilment illi ma hemm l-ebda ammont ta’ manteniment li ghandu jigi likwidat, u li ghandu jkun pagabbli minn xi parti favur parti ohra f'din l-istanza.

(iii) Jispetta unikament lill-attrici li tressaq prova cara u skond il-ligi tal-bzonn li abbazi tieghu ghandu jigi likwidat il-manteniment minnha pretiz ghall-bzonnijiet tal-ulied minuri tal-kontendenti:

(iv) Fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

II. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta' €400 li gie likwidat fl-atti tal-medjazzjoni, senjatament permezz tad-digriet tal-5 ta' Frar 2014, huwa eccessiv, u dan, fost ohajn, ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Kienet l-attrici stess illi, fir-rikors taghha fl-atti tal-medjazzjoni, dwar il-hlas ta' manteniment pendente lite, talbet illi, f'kaz illi l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri tal-kontedenti tibqa' kif fattwalment hi bhalissa, l-esponent jigi kkundannat ihallas €300 fix-xahar bhala manteniment;

Ghalhekk, id-decizjoni tal-Qorti, ossija d-digriet tal-5 ta' Frar 2014, li permezz taghha l-esponent gie kkundannat ihallas is-somma ta' €400 fix-xahar bhala manteniment pendente lite hija wahda extra petita ghaliex tmur oltre minn dak li gie pretiz mill-istess attrici.

(ii) Fil-fehma umli tal-esponent, mis-somma totali ta' €1,395.12 li kienet giet indikata mill-attrici f'rendikont li kien gie pprezentat minnha fl-atti tal-medjazzjoni bhala Dokument 'JBl' - bhala rapprezentanti l-ispejjez mensili tal-ulied minuri tal-kontedenti, wiehed ghandu jnaqqas is-segwenti ammonti:

A. L-ammont ta' €113.79 li, kif jirrizulta mir-rendikont imsemmi, l-esponent kien u ghadu qed ihallas, rapprezentanti nofs l-ispejjez, principalment edukattivi, kif gie indikat mill-attrici fil-kolonna intestata "W's share of expenses of present";

B. L-ammont ta' €725.68 billi dan, kif jirrizulta mill-istess rendikont jirrapprezenta spejjez tal-attrici, u mhux tal-ulied minuri tal-kontendenti;

C. L-ammont kumplessiv ta' €333.51, rapprezentanti €240 bhala "Daily Needs (based on kids being with me 7 days out of 1.4)", €40 bhala "Petrol Expenses (based on kids bieng with me 7 days out of 14)", €10.17 bhala "Doctor/Dentist/Optician Fees", €7.50 bhala "Medicine when sick", €6.67 bhala "Pocket money for summer school", €16.67 bhala 'Their Birthday - twins ie one event", u €12.50 bhala "Birthday Gifts for their school friends parties", billi, effettivament, l-ispejjez hawn fuq elenkati jigu inkorsi wkoll mill-esponent matul dawk il-granet u l-hinijiet li l-ulied minuri tal-kontendenti jkunu taht il-kura tieghu;

D. L-ammont ta' €58.78 rapprezentanti l-ammont pro rata tal-ispejjez inkorsi mill-attrici ghall-bzonnijiet taghha u tal-partner taghha, li jirrisjedi fid-dar tal-istess attrici, bhala "Water & Electricity" u "'GO Fixed line, Internet & TV" billi, fil-fehma umli tal-esponent, huwa jista' talvolta jigi kkundannat jikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tal-ulied minuri tal-kontendenti biss, u mhux ukoll ghal-bzonnijiet tal-attrici u tal-partner taghha, u dan apparti mill-fatt illi l-istess esponent jinkorri dawn l-istess spejjez huwa wkoll f'dawk il-granet u l-hinijiet li l-ulied minuri tal-kontendenti jkunu taht il-kura tieghu.

Meta wiehed inaqqas l-ammonti suriferiti mis-somma ta' €1,395.12, jifdal bilanc ta' €163.36 fix-xahar, u ghalhekk sehem l-esponent ghandu jkun ta' €81.68;

Ghal kull buon fini, jrid jinghad illi ghandu jsir aggustament f'dawk l-ispejjez li gew indikati mill-attrici bhala "Athletics - St. Aloysius", u "Handball for V" billi filwaqt illi l-ispiza tal-ewwel wahda spiccat kompletament, l-ispiza tat-tieni wahda zdiedet ghal €600 fis-sena, ekwivalenti ghal €50 fix-xahar, u ghalhekk billi qabel l-esponent kien ihallas is-somma mensili ta' €11.67 fix-xahar, issa ghandu jhallas €25, ossija zieda ta' €13.33;

Meta wiehed jghodd l-imsemmija sommom ta' €81.68 u €13.33, wiehed jasal ghal total ta' €95.01 li, meta tigi mizjuda mas-somma msemmija ta' €113.79, li l-esponent kien u ghadu qieghed ihallas, iggib total ta' €208.80 fix-xahar;

In vista tas-suespost, hija l-umli fehma tal-esponent illi l-ammont ta' €400 li gie likwidat fl-atti tal-medjazzjoni, senjatament permezz tad-digriet tal-5 ta' Frar 2014, huwa eccessiv billi kwalsiasi manteniment likwidat favur l-attrici ghall-bzonnijiet tal-ulied minuri tal-kontendenti m'ghandux jammonta ghal aktar minn €208.80 fix-xahar.

III. Salv risposti ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat d-digriet moghti 'seduta stante' fis-7 ta' Otubru 2014 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xiehda ta' Sister Carmen Mizzi u ta' Father Eric Cachia li xehdu fis-seduta tat-13 ta' Frar 2015, mizmuma mil-Assistent gdizzjarju;

Rat x-xiehda ta' Joseph Caruana, ghall-Bank of Valletta plc li xehed fis-seduta tat-23 ta' April 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, ta' Francesca T, li tmexxi l-club "Gymstars Gymnastics Club", ta' Audrey Ghigo ghall-HSBC Malta plc li xehedu quddiem l-Assistent Gudizzjarju;

Rat d-digriet tal-4 ta' April 2016, fejn gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju in sostituzzjoni ta' minn kien gie precedentement nominat;

Rat x-xiehda ta' Audrey Ghigo, ghall-HSBC Bank Malta plc, ta' Joanna Bartolo, ghall-Bank of Valletta plc, li xehedu fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2017, fejn l-avukati tal-partijiet pprezentaw rikors kongunt, bi skrittura privata tal-partijiet annessa, ghall-approvazzjoni tal-Qorti, u talbu li tinghata sentenza ai termini tal-ftehim milhuq, u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat;

IL-PROVI.

Sister Carmen Mizzi, Head tal-Iskola Primarja ta' St. Francis tal-Imsida, xehdet fis-seduta tat-13 ta' Frar 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 35. Hi kkonfermat li t-tewmin V u S, ahwa R gew iskritti mill-Year 1 sal-Year 6. U spiccaw f'Gunju 2014. L-attrici kienet thallas Euro 200 fis-sena ghal kull tifel. Kienu jiehduhom it-tfal by hand u hi kienet ttiehom 'Thank You note' by hand. Hi ma tiftakarx u ma zzomx record ta' kif jsir il-pagament jekk hux cash jew b'cheque. Gieli jithallsu xi ammonti ohra bhal meta jmorru outings, jew jkollhom xi party fil-Milied jew fil-Karnival.

F'din s-seduta l-partijiet qablu li d-donations li saru lill-Iskola Primarja St Francis effettivament hallsithom l-attrici.

Father Eric Cachia, Head ta' Savio College, xehed fl-istess seduta, Fol 36. Hu kkonferma li t-tewmin R dahlu fil-Kullegg f'Settembru 2014 u ipprezenta l-applikazzjonijiet taghhom li gew immarkati Dok EC1 Fol 39 u Dok EC2 Fol 42. Hu pprezenta ukoll Lista tal-Ispejjes ta' kull student li giet immarkata Dok EC3 Fol 45. Hu ma kienx f'posizzjoni jikkonferma kemm saru hlasijiet u minn min.

Joseph Caruana, ghall-Bank of Valletta plc xehed fis-seduta tat-23 ta' April 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Fol 55. Dwar W R rrizultalu mir-ricerka li ghamel, li mis-sena 2012 kellu zswg kontijiet wiehed 'idle' u l-iehor fih bilanci zghar. Hu pprezenta Statement of Account, markat Dok JC1, Fol 57 ghall-kont numru16604466018, li sas-6 ta' April 2015 kien fih bilanc ta' Euro 0.19.

Hu pprezenta ukoll Dok JC2 Fol 58, Statement of Account ghall-kont numru 40011608147 li kellu bilanc ta' Euro 0.48.

Mir-ricerka li ghamel dwar Joanne T irrizultalu li kien hem 5 kontijiet f'isimha, mmarkati Dok JC3 sa Dok JC7.

Dok JC3 Fol 59 hu Savings Account numru 17312505011 li sal-4 ta' April 2015 kellu bilanc ta' Euro 1,077.19 Fol 88 a tergo.

Dok JC4, Fol 89 hu Statement of Account numru 40015618243, House Purchase loan Account, fl-10 ta' Jannar 2012 kien dovut l-ammont ta' Euro 56,019.66 u fit-30 ta' Marzu 2015 kien dovut l-ammont ta' Euro51,396.21.

Dok JC5 hu kont simili numru 40015618308 Fol 91, fl-10 ta' Jannar 2012 kien dovut l-ammont ta' Euro19,076.19 u fit-30 ta' Marzu 2015 kien dovut l-ammont ta' Euro 17,625.40.

Dok JC6, Fol 93 hu kont simili numru 40017549750 li fuqu fl-10 ta’ Jannar 2012 kien dovut l-ammont ta’Euro 8,602.07 u fit-30 ta’ Marzu 2015 kien dovut l-ammont ta’ Euro 6,669.56.

Dok JC7, Fol 95 hu Savings Account numru 40019799317 li fis-6 ta’ Frar 2015 kellu bilanc ta’ Euro 35.61, Fol 96 a tergo.

Dok JC8 Fol 97 hu statement ta’ BOV Visa Mastercard.

Dok JC9 Fol 136 u Dok JC10 Fol 142 huma zewg ittri li l-Bank kiteb lill-attrici biex jinfurmaha li t-talba taghha ghall-Loan kien giet accettata bil-kondizzjonijiet hem indikati.

Francesca T, li tmexxi il-club Gymstars Gymnastics Club, Fol 157A, ikkonfermat f’seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, li t-tifel S R ilu jattendi l-club 4 snin. Hemm 3 terms u l-omm thallas Euro 129.80 kull term inkluz il-VAT Hi kkonfermat l-istatement minnha riaxxjat Fol 158 li juri l-attendenza u l-hlasijiet f’total ta’ Euro 1032.70.

Audrey Ghigo, ghall-HSBC Malta plc, xehedet f’seduta mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju, Fol 159A u kkonfermat li f’isem l-attrici ma sabet l-ebda kont bejn 1 ta’ Jannar 2012 u l-14 ta’ April 2015. F’isem W R fl-istess perjodu ta’ zmien sabet 4 kontijiet u pprezentat l-istatements taghhom li gew immarkati Dok AG1 sa Dok AG4.

Dok AG1 hu Current Account numru 009 058561 001, Fol 247. Fit-30 ta’ Dicembru 2011 il-kont kien in debit fl-ammont ta’ Euro 5,951.41 u fit-30 ta’ Marzu 2015 kellu bilanc in credit ta’ Euro 27,686.03. Fol 341.

Dok AG2, Fol 239 hu Current Account, Account Numbre 009 058561 003 li fit-30 ta’ Marzu 2013 kien in credit fl-ammont ta’ Euro 10,335,00. Fis-26 ta’ April 2014 il-bilanc kien ta’ Euro 48,817.00 in credit. Fol 245.

Dok AG3, Fol 225, hu Account Statement ta’ kont Numru 009 058561 002. Il-bilanc fid-19 ta’ Novembru 2011 kien ta’ Euro 1,394.00. Fl-4 ta’ Lulju 2014 il-bilanc kien zero, Fol 238.

Dok AG4  Fol 160 sa Fol 224, hu HSBC Advance VISA Account Statement.

L-istess xhud, fis-seduta mizmuma fit-22 ta’ Gunju 2016 mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 355, iddikjarat li giet mitluba tixhed dwar d-deposit slip tas-17 ta’ Settembru 2013 fl-ammont ta’ Euro 124,752.63. Mir-ricerki li ghamlet

irrizultalha li saret transaction fid-19 ta' Settembru 2013, Dok AG5 Fol 358 deposit voucher li juri li dan d-depozitu sar permezz ta' bank Draft mill-Bank of Valletta. Dan kien gej minn biegh ta' propjeta' kif ikkonfermat bil-kliem li kitbet il-kaxxiera 'sale of property'. Minnhabba l-ammont in kwistjoni u minnhabba il-money laundering il-kaxxiera hi ritenuta li tindika b'notament l-provenjenza tal-fondi.

B'Digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Novembru 2013, Fol 7, l-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ta' Euro 500 fix-xahar, li jinkludi spejjez ta' sahha u ta' edukazzjoni taz-zewg minuri.

B'Digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Frar 2014, Fol 8, dan l-ammont gie ridott b'Euro 100 fix-xahar, l-konvenut gie ghalhekk ordnat li jhallas Euro 400 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri.

Fil-25 ta' Mejju 2017, il-partijiet ipprezentaw rikors kongunt Fol 372, li mieghu annettew ftehim ta' transazzjoni u talbu li tinghata sentenza fit-termini tal-istess ftehim.

KONSIDERAZZJONIJIET.

Il-provvedimenti fil-Kodici Civili dwar d-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-ulidhom huma s-segwenti:

Artikolu 7.

(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.

Artikolu 19.

(1) Fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.
(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu ukoll lis-spejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.

Artikolu 20.

(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.
(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqilghu xorta ohra, ghandu jittiehed qis ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.

(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew min haddiehor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dhul li jinholoq taht trust.

(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.

(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficcjarju taht trust.

Il-partijiet huma il-genituri tat-tewmin minuri S u V R li twieldu fis-17 ta' Frar 2003, pero' m'humiex mizzewgin lil xulxin. L-obbligi ta' manteniment tal-ulied mill-genituri, japplikaw bl-istess mod, sew jekk il-genituri huma mizzewgin lil xulxin, sew jekk le. Ghalhekk huma rilevanti ukoll il-provedimenti tal-Kodici Civili, li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied, f'kaz ta' firda tal-genituri mizzewgin.

Issir riferenza ghall-Artikolu 54 tal-Kodici Civili li jipprovdi kif ghandu jigi stabbilit il-manteniment dovut lill-ulied, li jittiehed kont tal-mezzi tal-genituri, kif ukoll l-bzonnijiet tal-ulied.

Is-subincis (4) ta' dan l-Artikolu jghid hekk:
"Il-Qorti fl-ghoti tal-manteniment tista' tipprovdi ukoll ghall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn zmien ghal zmien."

Fil-kaz in ezami jirrizulta mill-iskrittura ta'transazzjoni Fol 373, li l-attrici hi shipping manager u l-konvenut hu self employed.

Dwar t-transazzjoni, jigi rilevat s-segwenti:

L-Artikolu 1233(d) tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:

(1) Bla hsara tal-kazijiet li fihom il-ligi espressament, taghmel mehtieg l-att pubbliku, ghandhom jsiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taht piena ta' nullita'

-Omissis-

(d) it-transazzjoni.

L-Artikolu 1718 tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:

"It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iweghdu, jew izommu, jaghtu tmiem kawza mibdija, jew jevitaw li tkun sejra issir".

Fil-kawza fl-ismijiet " **Grazio Patiniott et vs Anthony Cini** et" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001 giet iccitata l-kawza fl-ismijiet **" Maria Attard vs Francesco Camilleri**" deciza mill-istess Qorti fit-30 ta' Gunju 2000.

Il-Qorti issottolinjat li ghalkemm potenzjalment kull vertenza setghet twassal ghall-proceduri gudizzjarji, kull vertenza bhal din setghet ukoll tigi komposta barra l-Qorti. Il-ligi ma kienitx tesigi li kull ftehim milhuq dwar vertenza, kellu necessarjament jsir bil-miktub u jkun iffirmat mill-kontendenti.

Fejn jirrigwarda transazzjoni li tincidi fuq id-drittijiet ta' minuri bhal ma hu dak tal-manteniment, ikun jehtieg l-approvazzjoni tal-Qorti.

Fil-kaz in ezami rrizulta li l-partijiet kellhom relazzoni ghal numru ta' snin u minn din r-relazzjoni twieldu it-twemin S u V fis-17 ta' Frar 2003. Il-partijiet ma baqghux jikkoabitaw fit-2008. Il-kustodja tat-tfal hi maqsuma ugwalment bejn il-partijiet billi t-tfal jirrisjedu granet indaqs ma' kull parti fuq firxa ta' gimghatejn.

Fil-mori tal-kawza l-partijiet iffirmaw skrittura ta' transazzjoni dwar il-mertu ta' din l-kawza,Fol 373 sa Fol 375 u talbu sentenza finali li tinkorpora l-istess ftehim.

Din l-iskrittura taqra kif gej:-

*Skrittura Privata ta' transazzjoni bejn:*

*Minn naha 'l wahda:*

***C T**, shipping manager, mart Andy Ellul minnu divorzjata, bint il-mejjet Victor T u Josephine nee Montebello, imwielda Pieta u residenti Bahar ic-Caghaq, detentrici tal-karta tal-identita` numru 462175M, aktar il quddiem maghrufa ukoll bhala l-"Omm" jew "Attrici";*

*U minn naha 'l ohra:*

***W R**, self-employed, iben Anthony u Alfrida nee Azzopardi, imwieled San Giljan u residenti San Gwann, detentur tal-karta tal-identita` numru 486075M, aktar il quddiem maghruf bhala l-"Missier" jew "Konvenut".*

*Il-komparenti partijiet jippremettu u jiddikjaraw illi nhar is-sbatax (17) ta' Frar 2003 twieldu it-tewmin subien bl-isem S u V ahwa R minn relazzjoni ta' bejniethom.*

*Illi minhabba dizgwid bejniethom dwar il-manteniment tal-imsemmija tfal minuri, l-Omm fethet proceduri ta' medjazzjoni fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghal-fissazzjoni u regolazzjoni tal-manteniment li ghandu jithallas lilha mill-Missier.*

*Illi fil-mori tal-medjazzjoni, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), b'degriet moghti fis-7 ta' Novembru 2013 fuq rikors tal-Omm, ordnat lill Missier sabiex ihallas lil Omm is-somma ta' hames mitt euro (€500) fix-xahar bhala manteniment pendente lite ghal minuri, liema ammont jinkludi l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri.*

*Illi b'degriet iehor moghti mill-istess Qorti, ukoll fil-mori tal-medjazzjoni, fil-5 ta' Frar 2014 il-Qorti rriduciet l-ammont ta' manteniment pagabbli mill-Missier ghas-somma ta' erba mitt euro (€400) fix-xahar.*

*Illi wara li l-medjazzjoni giet dikjarata maghluqa l-Omm ipprocediet quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kompetenza kontenzjusa taghha sabiex jigi ffissat il-manteniment definittivament pagabbli lilha mill-Missier liema kawza hija fl-ismijiet "C T vs W R" (Rikors Guramentat Numru 150/14RGM).*

*Illi l-komparenti partijiet jixtiequ jittransigu l-istess kawza u jiftehmu dwar il-manteniment ghall-imsemmija minuri u ghalhekk qeghdin jaqblu u jiftehmu s-segwenti, liema ftehim ghandu jigi sanzjonat b'sentenza moghtija mill-Qorti fil-kawza fuq imsemmija sabiex ikollha forza u effett ghal-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*Ghaldaqstant il-partijiet qeghdin jiftehmu dan li gej:*

1. *Il-partijiet jaqblu li l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghandu jkun fis-somma ta' erba mitt euro (€400) fix-xahar, cioe mitejn euro (€200) ghal kull tifel liema manteniment, salv ghal dak kontemplat iktar l-isfel, ikun ukoll jinkludi l-ispejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni taz-zewg tfal minuri.*

2. *Il-manteniment huwa pagabbli u dovut fis-seba (7) gurnata ta' kull xahar bil-quddiem permezz ta' standing order filk-kont bankarju li jigi ndikat lil konvenut minn zmien ghal zmien mill-attrici.*

3. *Il-manteniment ghandu jigi rivedut kull sentejn mid-data tas-sentenza li tissanzjona dan il-ftehim bi proporzjon maz-zieda fl-indici ta' inflazzjoni pubblikat mill-awtorita kompetenti.*

4. *Il-partijiet jaqblu li inkwantu ghal manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghax-xhur ta' Gunju u Dicembru ta' kull sena, il-konvenut ikun obbligat li jivversa biss lill-attrici nofs il-manteniment b'dan pero li jkun obbligat li jonfoq in-nofs l-iehor tal-manteniment fi hwejjeg tal-ilbies ghat-tfal b'obbligu li jghaddi lill-attrici kopja tal-ircevuti fiskali li jaghtu prova tal-infiq fis-somma hawn fuq indikata sa mhux iktar tard mill-ahhar jum ta' dik is-sena partikolari.*

5. *Salv dak stipulat f'dan il-ftehim, il-partijiet inoltre qed jaqblu illi l-manteniment hawn fuq imsemmi ma jistax jigi rivedut taht l-ebda cirkostanza u ghandu jibqa` fis-sehh biss sakemm it-tfal minuri jilhqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena jew, f'kaz illi l-istess tfal minuri ikunu qeghdin jippartecipaw f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim full time, sal-eta` ta' tlieta w ghoxrin (23) sena.*

6. *Inkwantu ghall-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tfal minuri li jinvolvi safar taghhom minhabba kultura, skola jew sports, jew safar relatati mas-sahha taghhom, il-partijiet jaqblu li tali spejjez ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejniethom, bil-kundizzjoni illi tali safar ghandu jigi miftiehem u maqbul bil-miktub minn qabel bejn il-partijiet. Spejjez dwar attivitajiet extra-kurrikulari li ma jinvolvux safar tat-tfal minuri jithallsu esklussivament mill-attrici.*

7. *Il-partijiet jaqblu li, dejjem soggett ghall-qbil bil-miktub minn qabel bejn il--partijiet, l-ispejjez straordinarji rigward is-sahha tat-tfal minuri (bhal operazzjonijiet jew kura medika estensiva minhabba xi mard kroniku u gravi tal-ulied minuri) kif ukoll spejjez ta' lezzjonijiet privati, ta' ezamijiet, u ta' xi eventwali korsijiet fl-istadju ta' edukazzjoni terzjarja tal-istess tfal ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.*

8. *Il-partijiet jaqblu li c-Childrens Allowance u kwalsiasi beneficcju iehor pagabbli minhabba l-imsemmija tfal minuri ghandu jigi percepit interament mill-attrici.*

9. *Il-partijiet jiddikjaraw li tali ftehim gie bbazat fuq il-fatt li l-kura u kustodja fattwali tal-imsemmija tfal minuri qeghda bhalissa tinqasam indaqs bejn il-partijiet billi t-tfal qeghdin jirrisjedu álternattivament gimgha mal-attrici u gimgha mal-konvenut. Ghalhekk il-partijiet jaqblu li l-attrici jkollha dritt titlob revizjoni ta' tali ftehim jekk it-tfal jibdew jghixu b'mod regolari iktar zmien maghha milli mal-konvenut u similment il-konvenut jkollu dritt jitlob revizjoni ta' dan il-ftehim kemm il-darba l-istess tfal jibdew jghixu b'mod regolari iktar zmien mieghu milli mal-attrici.*

10. *Inkwantu ghall-ispejjez gudizzjarji tal-kawza pendenti fuq imsemmija, il-partijiet jaqblu li tali spejjez ghandhom jibqu bla taxxa bejniethom.*

***C T*** ***W R***

**Data: 25/5/17** **Date: 23/5/17**

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa it-termini tal-ftehim milhuq, tikkonsidra illi d-drittijiet tal-minuri huma adegwatament sodisfatti u protetti u ghalhekk qeghda ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi tapprova dan il-ftehim b'dan illi t-termini u kondizzjonijiet tal-istess qed jifformaw parti integrali min din is-sentenza.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddecidi l-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut bil-mod kif hawn deciz,

1. Tilqa' t-talbiet attrici, tiffissa bhala manteniment xieraq li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghall-imsemmija tfal minuri, l-ammont ta' erba' mitt ewro (Euro 400) fix-xahar, cioe' Euro 200 ghal kull tifel, li jinkludi l-ispejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni taz-zewg tfal minuri, u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-manteniment hawn likwidat fis-7 gurnata ta' kull xahar bil-quddiem permezz ta' standing order f'kont bankarju li jigi ndikat lill-konvenut mill-attrici, minn zmien ghal zmien; il-manteniment ghandu jigi rivedut kull sentejn millum, bi proporzjon maz-zieda fl-Indici tal-Inflazzjoni pubblikat mill-awtorita' kompetenti, b'dan li ghax-xhur ta' Gunju u Dicembru ta' kull sena l-konvenut ikun obbligat li jivversa biss lill-attrici nofs il-manteniment b'dan li jkun obbligat li jonfoq in-nofs l-iehor fi hwejjeg tal-ilbies ghat-tfal, b'obbligu li jghaddi lill-attrici kopja tar-ricevuti fiskali li jaghtu prova ta' infieq tas-somma hawn fuq indikata, sa mhux aktar tard mill-ahhar jum ta' dik is-sena partikolari;

2. Tordna inoltre l-applikazzjoni u l-enforzar tal-istipulazzjonijiet l-ohra kollha tal-ftehim fuq imsemmi milhuq bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**